MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 413/2010

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Richard u Fortunata Natalina Govanna konjugi Grech**

**Illum 14 ta’ Jannar 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà GO p.l.c. permezz ta’ liema titlob li ai termini ta’ l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tigi awtorizzata tipprocedi bil-mandati opportuni fil-konfront ta’ l-intimati sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet “Maltacom p.l.c. v. Richard Grech et” Avviz Nru. 1846/03JB, deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta’ Marzu 2005, stante li d-debitu ta’ l-intimati ghadu minnhom dovut izda ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li setghet tigi esegwita s-sentenza fil-konfront taghhom ;

Rat li b' Digriet Taghha tat-2 ta' Novembru 2010 ir-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghat-3 ta' Dicembru 2010 fid-9:30a.m., u gie ordnat li l-istess Rikors u d-Digriet jigu notfikati lill-intimati bi zmien ghoxrin (20) gurnata ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew debitament notifikati lill-intimati izda naqsu milli jipprezentaw Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas deheru ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young u flimkien mar-Rikors giet esebita s-sentenza li taghha qed tintalab l-awtorizzazzjoni ghall-esekuzzjoni;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi s-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. v. Richard Grech et" Avviz Nru. 1846/03JB, deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta' Marzu 2005, setghat tigi esegwita fil-konfront ta' l-intimati.

Illi l-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonfermat bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimati u li dan id-dejn ghadu dovut.

Illi l-intimati ma kkontestawx ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti billi ma ipprezentawx Risposta entro t-terminu lilhom prefiss u lanqas deheru ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimati, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront taghhom nascenti mis-

sentenza fl-ismijiet “Maltacom p.l.c. v. Richard Grech et” Avviz Nru. 1846/03JB, deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta’ Marzu 2005; bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------